Minuti tal-laqgħa numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar il-Ħamis, 8 ta'Mejju 2025 fil-Bini Amministrattiv, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi fil-5.55pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

Il-laqgħa bdiet tard għaliex kellna fostna lis-Sur Alex Zammit li se jkun qed jikkordina l-Festival tal-Patata 2025 u l-kunsillieri iddiskutew miegħu xi aspetti loġistiċi.

13.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presendenza

Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba u ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

13.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduti numru tnax** Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru tnax (12) kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu mqassma ħamest ijiem qabel mal-agenda. Dawn kienu ikkunsidrati u mressqa għall-vot b'korrezzjoni zgħira tas-Sa Marion Parnis, mis-Sa Nina Skye Briffa u ssekondati mis-Sa Anthea Sacco u approvati unanimament.

13.03 **Irrekordjar tal-laqgħat tal-Kunsill** Irrekordjar tal-laqgħat

Id-DSE qal li irċevejna e-mail ta' Infinite Solutions għal tliet snin ta' €2,006 fis-sena. Peress li l-Kunsill se jiċċaqlaq minn dan is-sit, kien hemm mistoqsija jekk dan l-investiment ikunx jista' jiġi trasferit f'post ieħor u kemm tkun l-ispiza ta' dan ir-rigward.

13.04 **Festival tal-patata 2025 u tat-2026** Festivals tal-Patata

Dwar il-Festival tal-Patata 2025 is-Sur Karmenu Farrugia qal li kkonfermaw Michael Caruana u l-familja Abdilla li se jkunu armati bl-inġenji tar-raba' esklussivament fl-1 ta' Ġunju. Tal-ewwel xtaq anke joffri s-servizz tat-tisjir iżda dan ma tħalliex għaliex din jieħdu ħsiebha l-Kazini. Intqal li l-attività se tibda bl-għana fuq il-palk u s-Sa Anthea Sacco qalet

illi fl-10:30 se jitlaq il-marċ tal-banda tas-Soċjetà Lourdes minn quddiem il-kazin biex dan jasal fil-Pjazza u jdumu jdoqqu sa nofsinhar. Wara dan jibdew idoqqu s-Soċjetà Santa Marija u warajha hemm ukoll banda oħra.

It-tberik tal-annimali se tkun qed tieħu ħsiebu s-Sa Marion Parnis. Intlaħaq qbil biex kull min jixtieq jibbukkja jagħmel dan għal €5 li se tmur għall-Angels for Pause u jingħata Kukkarda li se tkun tiswa €2.95. Il-bookings se jkunu jistgħu isiru jew mil-Kunsill jew inkella direttament mas-Sa Marion Parnis u se jsiru it-tickets mil-Kunsill.

Il-Press Call qed tieħu ħsiebha l-Viċi Sindku u jekk ikun jista' se jattendi wkoll id-dizinjatur tal-Mascot Patatinu biex jingħata rikonoxximent, is-Sur Raymond Farrugia.

Fil-laqgħa mas-Sur Alex Zammit eżattament qabel din il-laqgħa kien hemm diskussjoni dwar fejn se jitpoġġew il-logħob vis a vis ir-risk assessment u l-assikurazzjoni.

Dwar l-applikazzjoni tal-Festival tal-Patata 2026, din ġiet mimlija mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv u se jgħaddiha soft copy lis-Sa Anthea Sacco biex taraha hija stess qabel ma nkunu f'pozizzjoni li ngħadduha aktar tard dan ix-xahar. L-applikazzjoni kienet approvata u kopja ta' dawn il-minuti huma mitluba mill-istess applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

13.05 **Malta Vision 2050 – konsultazzjoni pubblika (input tal-Kunsill)** Malta Vision 2050

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bħal kull entità oħra qed ikun mistieden biex jagħmel il-proposti tiegħu fil-Malta Vision 2050 li hija inizjattiva nazzjonali dwar l-izvilupp fit-tul biex jintlaħqu l-miri sas-sena 2035 u aktar billi jkunu stabbiliti l-istrateġiji nazzjonali.

13.06 **Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart 2025** Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart

Ir-Rapport ippreżentat lilna minn GCS Co Ltd jagħlaq b'surplus ta' €15,570. Kien hemm infiq ta' €100,570 u dħul ta' €116,379. Id-DSE spjega l-figuri lill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu dwar dan l-ewwel rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tal-2025.

13.07 **Ġbir tal-artikli tal-fuljett tal-Kunsill** Magazine

Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco li qed tieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tal-*magazine* tal-Kunsill, kienet ipprovduta mhux biss bl-artikli tal-kunsill iżda wkoll ta' bosta kontibuturi oħrajn li se jingħataw spazju biex jiktbu f'din il-ħarġa li hu maħsub li titqassam f'Ġunju. L-artikli diġa' qiegħdin għall-*proof reading* u se jinbidel ir-ritratt tal-faċċata tal-magazine (mhux se jibqa' l-istess ritratt bħal tal-ewwel ħarġa)

13.08 **Minn Pjazza għal Pjazza** Minn Pjazza għal Pjazza

Kien hemm qbil unanimu li ssir l-applikazzjoni mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi minkejja li ma kienx hemm wisq ċans li ssir l-applikazzjoni mid-data tal-inawgurazzjoni din l-iskema li ħarġet għall-ewwel darba – għaxart ijiem. Id-DSE qal li m'hemmx wisq x'timlà għax din kuntrarjament għall-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni Gvern Lokali, fiha biss paġna waħda permezz ta' *Google Form*. Il-Kunsilli li se jiġu magħżula se jibbenefikaw minn €25,000. Id-DSE se jibgħat il-link lis-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku.

13.09 **Committee for the Regions – Brussels (13-15 Ott)** Committee for the Regions

Is-Sindku, is-Sur David Schembri talab biex jekk hemm xi ħadd li għandu x-xewqa li jitla' Brussell, ikun jista' jesprimiha dak il-ħin. Is-Sa Nina Skye Briffa xtaqet titla' hija għall-*Committee for the Regions* bejn it-13 u l-15 ta' Ottubru 2025. Ir-Reġjun Punent se jħallas għall-biljetti tal-ajru.

13.10 **Street Football in the City (15 Ġun)** Street Football in the city

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li kellu talba mill-*Malta Football Club* sabiex nhar il-15 ta' Ġunju, li jaħbat Jum il-Missier, tkun organizzata sezzjoni ta' Street Football. Il-Kunsill identifika Triq iz-Zgħożija bħala sit idejali u tingħalaq din il-parti tat-triq bħalma wara kollox tingħalaq kull filgħodu meta jkunu deħlin it-tfal fl-Iskola Primarja u dik ta' Hellen Keller.

13.11 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 17/3/25 – 10/4/25 u Petty Cash AC/03** Ċedola tal-Pagamenti

Kienet approvata b'vot unanimu iċ-ċedola tal-pagamenti u għalhekk se jsiru l-ħlasijiet fil-jiem li ġejjin. Din kienet proposta u ssekondata mil-kunsillieri li ffirmaw fuq il-kopja oriġinali dak il-ħin.

13.12 **Punti Oħra**

13.12.01 Kien hemm diskussjoni dwar l-andament tax-xogħlijiet taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Nicolò Communet. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li dan ma jistax ikun inawgurat mingħajr il-*Compliance Certificate*, u dan ma jistax joħroġ qabel ma jkun lest minn kollox. Matul il-ġimgħa li għaddiet kellna żjara mid-Direttur Gvern Lokali, is-Sa Marisa Pisani li mal-istess Dipartiment hemm erba' skemi miftuħin. Waħda minnhom tal-2022. Hija kienet sodisfatta tara isfel lest minn kollox inkluż il-Berġa, pero' tibqa' l-isfida tal-finanzjament tax-xogħlijiet tas-sular ta' fuq. Is-Sur David Michael Schembri stieden lill-kunsillieri biex jattendu laqgħa għada 9 ta' Mejju fin-nofsiegħa fejn ġej il-Perit tal-Kunsill, il-Quantity Surveyor u rappreżentanti tal-kuntrattur CPI biex naraw it-triq 'l quddiem. Is-Sindku, qal li hemm skema oħra li nistgħu napplikaw għas-sular ta' fuq permezz tagħha. Intqal ukoll li jrid isir *Change of Use* dwar il-Berġa u bħalissa qed nistennew li jiġi l-lift tal-passiġġieri minn barra. Ċentru Ċiviku

13.12.02 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri stieden lill-kunsillieri biex ikunu preżenti nhar it-Tnejn, 12 ta' Mejju fid-9.00am fil-Ġnien tal-Kmand għaliex se jkun iffirmat il-ftehim tad-devoluzzjoni. Dan ifisser li l-KLQ se jkollu titlu fuq l-istess art. Devoluzzjoni tal-Ġnien tal-Kmand.

13.12.03 Kien imsemmi r-rapport li sar fis-social media fejn is-sidien tad-dgħajjes ilmentaw minn drenaġġ nieżel mil-fosos privati għal fuqhom u fuq kollox għall-baħar. Dak il-ħin is-Sur Karmenu Farrugia qara silta minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu fejn qal li l-Onor Miriam Dalli ireaġixxiet għal dawn l-ilmenti. Sadanittant, intqal li l-*Environmental Health Care* għamlu appuntament għall-ġimgħa d-dieħla biex jidentifikaw dawn it-talin li qed 'jinsew' inaddfu / ibattlu l-fossa privata tagħhom. Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa dwar xi xogħlijiet li qed / jew se jsiru f'Wied iz-Zurrieq. Is-Sindku qal li hu jaf biss b'dawk li għaddejjin taħt it-tinda u fis-Sajf ma jistgħux isiru xogħlijiet. Dwar is-slielem tal-baħar, dawk kull sena jitwaħħlu mid-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni kif ikun se jibda' l-istaġun tal-għawm għax bir-riħ speċjalment f'Mejju, dejjem jispiċċaw il-baħar. Drenaġġ

Issemma' wkoll persuna f'Wied iz-Zurrieq li poġġa rukkell kbir tal-injam li jkun fih il-wires miegħu fin-nizla u ħa biċċa art. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li l-Pulizija diġa' huma infurmati.

13.12.04 L-intervisti għall-post ta' skrivan se jsiru bejn it-2 u l-5 ta' Ġunju minn dawn is-Sinjuri. Is-Sur David Michael Schembri se jkun Ċermen, is-Sur Anthony Bonello se jkun is-Segretarju u s-Sa Anthea Sacco, is-Sa Stephania Grixti u s-Sa Nina Skye Briffa se jkunu l-intervistaturi. Intervisti għal skrivan/

13.12.05 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq il-bzonn li ssir iz-zabra fil-Ġnien tal-Warda. Is-Sindku qal li fuq is-siġar ma nistgħux nizbruhom barra minn żmienhom, filwaqt li l-hedge ikun għajb li tinzabar meta tkun bil-fjuri biex nerġgħu naraw zkuk niexfa. Tal-inqas dwar din tal-aħħar, se nħallu Mejju jgħaddi. Zabra tal-Ġnien tal-Warda

13.12.06 Is-Sa Nina Skye Briffa, tkellmet dwar il-Kunsill Lokali tat-Tfal. Hija qalet illi peress li qed jattendu biss ħamsa, hemm il-ħsieb li dan jingħaqad mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Hija talbet biex ikun identifikat xi ħadd biex ikun *leader* peress li hija għad m'għandhiex 18-il sena u ma' tistax tkun hi. Ovjament il-persuna jrid ikollha wkoll dawk il-kwalitajiet kollha li tkun *leader* idoneu. Kunsill Lokali tat-Tfal

13.12.07 Is-Sa Nina Skye Briffa reġgħet talbet spjega għaliex ma kienx irranġat il-ħajt tas-sejjiegħ li waqa' fit-triq ta' Ħaġar Qim quddiem ir-residenza tal-Imħallef. Is-Sur David Michael Schembri qal li l-Pulizija jridu javżaw lill-Public Works Department biex itellgħuh huma flok is-sid li qed jirrifjuta li jtellgħu u dawn jistgħu saħansitra jwaddbu l-ġebel fl-għalqa tiegħu. Ħajt tas-Sejjiegħ fi Triq Ħaġar Qim

13.12.08 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq is-*sleeping policemen* li tpoġġew fi Triq il-Panorama/Wied. Hu qal li dawn ma kienx jaf bihom. Id-DSE qal li wara li kienu seħħew diversi inċidenti, li setgħu kienu gravi, meta vetturi telgħu fuq il-bankina ta' Triq il-Panorama, qalgħu iċ-ċint u tajru ċ-ċnagan diversi metri bogħod fix-xagħri u ħallew il-wires tad-dawl tal-istess Triq il- Sleeping Policemen fi Triq il-Panorama

Panorama imdendlin u l-istess Belveder mitfi għal tul ta' żmien sakemm il-KLQ kellu jtella' dan il-ħajt, kien hemm applikazzjoni ma' TM. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li tpoġġew ħames *sleeping policemen* minn *Infrastructure Malta* biex jipproteġu l-Isqaq tar-Ruħ, id-daħla ta' Ħaġar Qim u fejn tidjieq it-triq. Dawn issa inqalgħu minn persuni li tlabna lill-Pulizija tinvestiga minn huma.

13.12.09 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa dwar jekk tnaddafx Triq il-Bizantini fejn il-*Bring in site*. Is-Sindku qal li hemmhekk ġie mnaddaf fil-jiem li għaddew. Tindif – Triq il-Bizantini

13.13 **Data tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din kienet iffissata fl-istess ħin nhar il-5 ta' Ġunju 2025 filwaqt li din il-laqgħa intemmet fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Meħuda minn | Anthony Bonello u approvati nhar il-5 ta' Ġunju 2025 minn | David Michael Schembri |
| | Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |